

**Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)**

10174/19

**ECOFIN 629
UEM 232
SOC 481
EMPL 370
COMPET 510
ENV 601
EDUC 316
RECH 349
ENER 353
JAI 711
FSTR 132
REGIO 168**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9946/19 - COM(2019) 521 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Polonja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja għall-2019

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 521 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Polonja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja għall-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tiżiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew biex tiġi kkoordinata l-politika ekonomika għall-2019. Din qieset il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li tħabbar mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Polonja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha ssir analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2019 dwar il-Polonja ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Huwa vvaluta l-progress tal-Polonja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018³, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Polonja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.
- (3) Il-Polonja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2019 fis-26 ta' April 2019 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2019 fid-29 ta' April 2019. Iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin biex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom.

² Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

³ ĠU C 320, 10.9.2018, p. 88.

- (4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Bħalissa l-Polonja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2019, il-gvern qed jippjana deterjorament żgħir fil-bilanċ normali minn defiċit ta' 0,4 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2018 għal 0,6 % tal-PDG fl-2022, b'defiċit ta' 1,7 % tal-PDG fl-2019 u surplus ta' 0,2 % tal-PDG fl-2020. Il-bilanċ strutturali rikalkulat, b'defiċit ta' 1,1 % tal-PDG ser ikun qrib l-objettiv baġitarju fuq terminu medju, stabbilit għal defiċit strutturali ta' 1,0 % tal-PDG, fl-2022. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2019, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jonqos minn 48,9 % tal-PDG fl-2018 għal 40,6 % fl-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed daww il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Fl-istess ħin, id-dettalji operazzjonali ta' wħud mill-miżuri meħtieġa biex jiġu appoġġati l-miri ppjanati tad-defiċit mill-2020 'il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed.

⁴ Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (6) Il-Programm ta' Konverġenza għall-2019 jindika li l-Polonja implimentat miżuri kompensatorji relatati man-nixfa u li l-impatt baġitarju fl-2018 kien sinifikanti. Il-Programm ta' Konverġenza jipprova evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn l-ispejjeż baġitarji addizzjonali. It-trattament ta' nefqa relatata speċifikament man-nixfa jista' jiġi kkunsidrat bl-applikazzjoni tal-"klausola ta' avveniment mhux tas-soltu". Skont il-Kummissjoni, fl-2018 in-nefqa addizzjonali eliġibbli relatata ammontat għal 0,07 % tal-PDG. Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 9(1) u 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, billi l-eċċezzjonalità tan-nixfa hija meqjusa avveniment mhux tas-soltu, l-impatt tiegħu fuq il-finanzi pubbliċi tal-Polonja huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tkunx compromessa billi tingħata l-konċessjoni ta' devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju għall-2018 tnaqqas biex jitqiesu dawn l-ispejjeż addizzjonali.
- (7) Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill irrakkomanda lill-Polonja biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa primarja netta tal-gvern⁵ ma taqbiżx 4,2 % fl-2019, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni, hemm ir-riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament irrakkomandat fl-2019.
- (8) Fl-2020, fid-dawl tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' 2,0 % tal-PDG, jenħtieġ li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa primarja netta tal-gvern ma taqbiżx l-4,4 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG li joriġina mill-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni tar-rekwiżiti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni jekk il-politiki ma jinbidlux, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dan ir-rekwiżit fl-2020. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri meħtieġa sa mill-2019 biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

⁵ In-nefqa primarja netta tal-gvern hi magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa marbuta mal-imgħax, in-nefqa marbuta mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fin-nefqa marbuta mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata fuq livell nazzjonali hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

- (9) Il-Polonja għamlet progress sinifikanti fiż-żieda tal-konformità fiskali. Fl-istess ħin, il-pajjiż gawda minn tkabbir ekonomiku qawwi, is-suq tax-xogħol kien vibranti u s-sehem ta' kuntratti tax-xogħol li kienu soġġetti għal kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali qed jiżdied b'mod gradwali. Dawk il-fatturi kollha kkontribwew għal żieda fid-dħul pubbliku. Parti miż-żieda fid-dħul hija ta' natura ċiklika u tista' tonqos meta l-ambjent makroekonomiku jiddeterjora. Fl-istess ħin, matul is-snin reċenti, l-infiq pubbliku żdied bħala sehem tal-PDG. Diversi kategoriji ġodda tan-nefqa huma ta' natura permanenti u jista' ma jkunx faċli li jinbidlu fil-futur qarib. Barra minn hekk, il-finanzi pubbliċi tal-Polonja ser jiffaċċjaw pressjonijiet għal infiq ogħla, b'mod partikolari minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni. Dawn il-fatturi jintensifikaw il-ħtieġa għal għodod ġodda biex tissaħħaħ il-ġestjoni tan-nefqa, inkluż valutazzjoni regolari tal-effikaċja u l-effiċjenza tal-infiq. Filwaqt li fl-2018, il-Polonja kompliet taħdem biex ittejjeb is-sistema baġitarja, ir-riforma ġenerali hija kumplessa u ser tiġi applikata fi stadji matul diversi snin. Billi l-qafas fiskali huwa b'saħħtu u l-istituzzjonijiet indipendenti jkopru wħud mill-funzjonijiet li tipikament jiġu ssodisfati minn kunsilli fiskali, il-Polonja tibqa' l-uniku Stat Membru mingħajr kunsill fiskali indipendenti. Filwaqt li l-Polonja ma għamlet l-ebda progress biex tillimita l-użu ta' rati ta' taxxa fuq il-valur miżjud, il-gvern nieda riforma li għandha l-potenzjal li tagħmel ir-rati inqas kumplessi u inqas suxxettibbli għall-iżbalji.
- (10) Sal-2017, l-età medja tal-irtirar kienet qed tiżdied, li jirrifletti r-riformi tal-passat, bħal tneħħija ta' għażliet ta' rtirar bikri u żieda gradwali tal-età statutorja tal-pensjoni. Fl-2018, l-età medja tal-irtirar naqset kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, li jirrifletti tnaqqis tal-età statutorja tal-irtirar fit-tieni nofs tal-2017. Żieda kontinwa fl-età effettiva tal-irtirar hija kruċjali għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u għalhekk għat-tkabbir ekonomiku, minħabba t-tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. Huwa kruċjali wkoll li tiġi żgurata l-adekwatezza tal-pensjonijiet futuri, li jiġi evitat il-faqar fl-età anzjana u għalhekk li titjeb ukoll is-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet. It-tnaqqis tal-età statutorja tal-irtirar għal 60 għan-nisa u 65 għall-irġiel fil-ħarifa fl-2017 ser ikollha impatt negattiv sinifikanti fuq il-livelli futuri tal-benefiċċji tal-pensjoni u ser tintroduċi distakk sinifikanti bejn l-irġiel u n-nisa f'dan ir-rigward. L-iskemi tal-pensjoni preferenzjali eżistenti jimplikaw spejjeż fiskali u jnaqqsu l-mobbiltà tal-ħaddiema bejn is-setturi. Is-sistema speċjali tal-assigurazzjoni soċjali għall-bdiewa, li qed tiġi ssussidjata bi spiża ta' madwar 0,8 % tal-PDG, qed tostakola l-mobbiltà fis-suq tax-xogħol u tikkontribwixxi għal qgħad mistur fl-agrikoltura.

(11) L-ambjent makroekonomiku favorevoli għen il-prestazzjoni b'saħħitha tas-suq tax-xogħol Pollakk f'dawn l-aħħar snin. Ir-rati tal-impjieg komplew jiżdiedu, filwaqt li r-rati tal-qgħad, wara bosta snin ta' tnaqqis, stabbilizzaw f'livell baxx storiku ta' inqas minn 4 % fl-2018. Madankollu, il-parteċipazzjoni ta' ċerti gruppi fis-suq tax-xogħol, speċjalment tal-ħaddiema b'ħiliet baxxi, tal-persuni b'diżabbiltà u min jieħu ħsiebhom u tal-anzjani, baqgħet baxxa meta mqabbla ma' Stati Membri oħra. Is-sistema tal-benefiċċji soċjali tal-Polonja ma tipprovdix biżżejjed inċentivi għall-bidu ta' xogħol. Il-benefiċċji għat-tfal naqqsu l-faqar u l-inugwaljanza, iżda kellhom effett negattiv fuq il-parteċipazzjoni tal-ġenituri, l-aktar in-nisa, fis-suq tax-xogħol minħabba d-daqs u l-għamla tagħhom. Ir-rata ta' reġistrazzjoni għal tfal taħt l-età ta' tliet snin biex jiġu indokrati formalment għadha fost l-iktar baxxa fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-kura fit-tul tingħata l-aktar minn membri tal-familja kważi mingħajr ebda appoġġ istituzzjonali, li jipprevjeni lill-persuni li jindukraw milli jaħdmu. It-tnaqqis fl-età statutorja tal-irtirar ħeġġet lil xi ħaddiema aktar imdaħħlin fiż-żmien biex joħorġu mid-dinja tax-xogħol. Il-migrazzjoni minn pajjiżi li mhumiex fl-Unjoni qed tgħin biex tintlaħaq iż-żieda fid-domanda għax-xogħol, iżda hemm sinjali li jista' jkun diffiċli li jinkiseb influż kontinwu ta' ħaddiema migranti.

- (12) Bejn l-2015 u l-2017, il-Polonja ħadet miżuri biex tindirizza s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol billi llimitat il-possibbiltà li l-impjeggi temporanji jiġu abbużati, żiedet il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fuq kuntratti tax-xogħol mhux standard u introduċiet paga minima fis-siegħa għal xi wħud minn dawn il-kuntratti. Filwaqt li s-sehem tal-kuntratti temporanji ilu jonqos mill-2015, bis-saħħa tal-miżuri meħuda u minħabba n-nuqqas ta' ħaddiema, u dan il-proċess aċċellera matul l-2018, xorta jibqa' fost l-ogħla fl-Unjoni. Bidliet leġislattivi ulterjuri li jindirizzaw din il-kwistjoni ma ġewx segwiti peress li r-riforma tal-kodiċi ta-xogħol fl-aħħar ma ġietx implimentata. L-adegwatezza tal-pensjonijiet futuri tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u ta' dawk li għandhom ċerti kuntratti mhux standard tirrappreżenta kwistjoni potenzjali.
- (13) Sistema ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità li tiegħu perspettiva tul il-ħajja, appoġġata minn investiment suffiċjenti, tista' tkun fattur kruċjali li jappoġġa l-prospetti futuri ta' tkabbir fil-Polonja. It-tnejn tal-persuni bil-ħiliet u l-kompetenzi li huma meħtieġa biex isibu impjeg f'suq tax-xogħol li qed jinbidel b'mod rapidu hija ta' importanza kruċjali biex tinkoraġġixxi kemm il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol kif ukoll il-kapaċità innovattiva tal-ekonomija. Irrata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-edukazzjoni u t-taħriġ hija ħafna aktar baxxa mill-medja tal-Unjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi mhuwiex utilizzat biżżejjed. Dan, flimkien ma' ċerti nuqqasijiet fil-ħiliet diġitali, kif ukoll fil-ħiliet tal-litteriżmu u l-matematika, b'mod partikolari fost l-adulti mingħajr edukazzjoni għolja, qed ixekkel l-impjegabbiltà tagħhom. Il-kwalità insuffiċjenti tat-taħriġ tal-għalliema u xi lakuni fil-ħiliet tagħhom x'aktarx ikollhom impatt negattiv fuq il-kwalità tal-edukazzjoni. Hemm ukoll nuqqasijiet fis-sistema tal-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja. Minkejja r-riformi reċenti fl-edukazzjoni vokazzjonali u fl-edukazzjoni għolja, il-koordinazzjoni effettiva tat-tagħlim tal-adulti għadha nieqsa u l-impatt ta' miżuri ta' politika differenti fuq il-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ ipprovdut u fuq il-livelli tal-ħiliet mhuwiex ċar.

(14) Il-prospetti ekonomiċi fit-tul tal-Polonja jiddependu fuq l-iżvilupp tal-kapaċità tal-ekonomija biex tkun innovattiva. Madankollu, il-Polonja għadha tikklassifika bħala baxxa fl-innovazzjoni, b'setturi ta' teknoloġija baxxa li jirrappreżentaw parti importanti mill-istruttura ekonomika tal-pajjiż u b'differenzi reġjonali sinifikanti fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni. Filwaqt li ttieħdu xi miżuri biex titjeb il-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju, jeżistu għadd ta' ostakli finanzjarji u mhux finanzjarji. B'mod partikolari, proċeduri amministrattivi kumplessi u ħiliet limitati ta' akkademiċi fil-ġestjoni tal-proġetti konġunti pubbliċi-privati u l-proġetti ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) jibqgħu ostakli ewlenin. Ir-raggruppamenti u n-netwerks korporattivi formalizzati, speċjalment bejn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u ditti kbar, għandhom rwol limitat fit-tixrid ta' soluzzjonijiet innovattivi. Ir-riforma fl-edukazzjoni għolja tal-2018 ittejjeb xi aspetti tal-pajsaġġ xjentifiku Pollakk, iżda tindirizza biss parzjalment kwistjonijiet importanti bħall-frammentazzjoni tas-settur tar-riċerka, il-pagi tar-riċerkaturi jew l-internalizzazzjoni tax-xjenza Pollakka. In-nefqa domestika grossa fuq ir-R&Ż baqgħet madwar nofs il-medja tal-Unjoni fl-2017, b'differenzi reġjonali sinifikanti.

- (15) Ir-riżultati fil-qasam tas-saħħa komplew jitjiebu iżda jibqgħu anqas mill-medja tal-Unjoni bl-irġiel imorru agħar min-nisa fl-istennija tal-għomor bi 7,9 snin fl-2017, filwaqt li fl-2016 id-distakk bejn il-Pollakki l-iktar edukati u daww il-inqas edukati kienet ta' 10 snin. L-aċċess għas-sistema tal-kura tas-saħħa u l-effikaċja tagħha huma affettwati minn infiq baxx u nuqqas ta' persunal. L-għadd ta' tobba u infermiera prattikanti meta mqabbel mad-daqs tal-popolazzjoni huwa fost l-aktar baxx fl-Unjoni fejn kwart tal-persuna mediku huwa akbar mill-età tal-irtirar. Il-ħtiġijiet mhux issodisfati għas-servizzi mediċi naqsu fl-2017, iżda jibqgħu fost l-ogħla fl-Unjoni u l-ħinijiet ta' stennija għal ċerti proċeduri żdiedu sostanzjalment mill-2010 'l hawn. Il-Polonja żviluppat mapep tal-bżonnijiet tal-kura tas-saħħa, iżda dawn għadhom ma sarux għodod biex jappoġġaw deċiżjonijiet dwar ix-xiri ta' servizzi u investimenti tas-saħħa. Is-sistema tal-kura tas-saħħa għadha bbażata wisq fuq kura fl-isptar u l-kura primarja u ambulatorja jibqgħu sottożviluppati. Is-sistema tal-kura fit-tul hija dgħajfa, nieqsa minn servizzi standardizzati u minn approċċ strateġiku koerenti. Il-maġġoranza tal-kura fit-tul hija pprovduta minn persuni li jindukraw b'mod informali, spiss membri tal-familja bi ffit appoġġ istituzzjonali. Fl-2017, in-nefqa fuq il-kura tas-saħħa pubblika tal-Polonja kienet tammonta għal 4,7 % tal-PDG, ferm anqas mill-medja tal-Unjoni ta' 7 % tal-PDG. Il-Polonja qed tippjana li żżid din in-nefqa b'mod gradwali fis-snin li ġejjin. Madankollu, dan jista' jkun diffiċli biex jinkiseb, peress li l-pjanijiet imħabbra dan l-aħħar biex it-trasferimenti soċjali jiżdiedu għal djar b'introjtu medju u għoli ser jillimitaw l-ispazju fiskali fil-futur.
- (16) Filwaqt li l-infrastruttura fil-Polonja tgiebet b'mod sinifikanti, xi setturi għadhom juru lakuni importanti fil-konnettività. L-investimenti fit-toroq li għandhom jitlestew sal-2024 skont il-programm nazzjonali ta' kostruzzjoni tat-toroq ser ikunu kkonċentrati l-aktar fil-parti tal-Lvant tal-Polonja, li jħalli xi reġjuni fit-Tramuntana b'inqas konnessjonijiet. Għad hemm lakuni importanti fin-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew tal-Ferroviji, u l-investment ferrovjarju miexi aktar bil-mod mill-investment fit-toroq. Ir-rata ta' mwiet fit-toroq għadha fost l-ogħla fl-Unjoni. Il-bliet qed jiffaċċjaw sfidi ta' mobbiltà li dejjem qed tikber, bħall-konġestjoni u t-tniġġis tal-arja li nħolqu biż-żieda tal-flotta tal-karozzi tal-passiġġieri u s-sehem kbir ta' vetturi qodma. L-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport bit-triq żdiedu ħafna matul dawn l-aħħar ħames snin. L-inċentivi attwali biex jintużaw mezzi ta' trasport kollettivi, b'emissjonijiet baxxi mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw dawn l-isfidi. Il-konnettività fissa bl-internet fil-Polonja tibqa' waħda mill-aktar baxxi fl-Unjoni, b'broadband ultraveloċi disponibbli prinċipalment fi bliet kbar.

- (17) L-ekonomija Pollakka hija fost dawk l-inqas effiċjenti fl-użu tal-karbonju fl-Unjoni. Nuqqas ta' iżolament ta' bini pubbliku u privat jikkontribwixxi għal konsum oġhla ta' enerġija u faqar enerġetiku. Il-Polonja għandha wkoll l-aktar bliet fl-Unjoni b'arja mniġġsa, speċjalment fir-reġjuni tan-Nofsinhar u ċentrali. L-investment f'effiċjenza enerġetika oġhla, b'mod partikolari fis-settur tal-bini, iżid is-sehem tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u produzzjoni ta' enerġija aktar nadifa, u jappoġġa emissjonijiet aktar baxxi mit-trasport, inaqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u jillimita t-tniġġis tal-arja, filwaqt li jnaqqas l-ispejjeż soċjali u jtejjeb il-kwalità tal-ħajja. L-ambjent leġislattiv attwali, inkluż l-att dwar il-ħażna tal-gass, l-att dwar l-iffriżar tal-prezzijiet tal-elettriku u r-regolamenti dwar parks eoliċi fuq l-art, jistgħu jfixxlu l-investimenti fis-swieq tal-elettriku u tal-gass u jaffettwaw il-kompetittività tas-settur tal-enerġija tal-Polonja u l-industriji li jużaw l-enerġija b'mod intensiv fit-tul.
- (18) Il-kwalità ta' leġislazzjoni ġdida u riveduta u ambjent tan-negozju stabbli u prevedibbli huma ta' importanza kbira għas-sostenn ta' kundizzjonijiet ekonomiċi favorevoli u għall-appoġġ għaż-żieda fl-investment privat. Il-qafas regolatorju instabli u ostakli oħrajn għall-espansjoni tad-ditti qed jaffettwaw b'mod negattiv l-attività tal-investment u l-produttività. L-istabbiliment ta' djalogu effettiv mal-partijiet ikkonċernati kollha jgħin biex titjeb il-kwalità tal-leġislazzjoni u – billi jillimita l-ġhadd ta' reviżjonijiet meħtieġa – jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-istabbiltà tal-ambjent tan-negozju. Għalhekk, it-tiħiħ tar-rwol tal-konsultazzjonijiet tas-sħab soċjali u l-konsultazzjonijiet pubbliċi – billi jiġi żgurat tul ta' żmien biżżejjed għall-konsultazzjonijiet, billi jitjeb it-teħid tal-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati miġbura fil-proċess, u jittnaqqas l-ġhadd ta' liġijiet eżentati mill-konsultazzjonijiet – jgħin b'mod sostanzjali biex jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta minn bidliet frekwenti fil-liġi, iżid l-investment u jippromwovi tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul. Il-garanzija tal-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura huma essenzjali wkoll f'dan il-kuntest. Huwa mfakkar li f'Diċembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta motivata biex jiġi determinat li hemm riskju ċar ta' ksur serju mill-Polonja tal-istat tad-dritt. Dan it-tħassib huwa s-suġġett ta' sentenza u proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Iċ-ċertezza legali u l-fiduċja fil-kwalità u l-prevedibbiltà tal-politiki regolatorji, tat-taxxa u politiki oħra u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet huma fatturi importanti għall-ambjent tal-investment.

- (19) L-iprogrammar tal-Fondi tal-Unjoni għall-perijodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud mil-lakuni identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż tal-2019. Dan jista' jippermetti li l-Polonja tagħmel l-aħjar użu ta' dawk il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati, filwaqt li jitqiesu d-differenzi reġjonali.
- (20) F'dawn l-aħħar snin, ir-rwol tal-Istat espanda bil-qawwa fis-setturi bankarji, tal-assigurazzjoni u tal-enerġija. Żieda fis-sjieda tal-Istat tippreżenta sfida ġdida għall-kompetizzjoni u għall-qafas regolatorju u ta' governanza. Il-kwalità tal-governanza u l-indipendenza tar-regolaturi u s-supervizzjoni, għalhekk, qed issir dejjem aktar importanti minħabba interessi potenzjalment konfliġġenti u rabtiet finanzjarji sovrani aktar b'saħħithom.
- (21) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2019 u l-opinjoni⁶ tiegħu hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Polonja tiegħu azzjoni fl-2019 u l-2020 biex:

1. Tiżgura li r-rata tat-tkabbir nominali tan-nefqa primarja netta tal-gvern ma taqbiżx l-4,4 % fl-2020, li tikkorrispondi mal-aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Tiegħu passi ulterjuri biex ittejjeb l-effiċjenza tal-infiq pubbliku, inkluż billi jitjeb is-sistema baġitarja.
2. Tiżgura l-adekwatezza tal-benefiċċji tal-pensjoni futuri u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet billi jittieħdu miżuri biex tiżdied l-età effettiva ta' rtirar u billi jiġu riformati l-iskemi preferenzjali tal-pensjonijiet. Tiegħu miżuri biex iżżid il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż billi ttejjeb l-aċċess għall-indukrar tat-tfal u kura fit-tul, u tneħħi l-ostakli għal aktar tipi ta' impjiegi permanenti. Trawwem edukazzjoni ta' kwalità u ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, speċjalment permezz ta' taġlim għall-adulti.

⁶ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

3. Issaħħaħ il-kapaċità innovattiva tal-ekonomija, inkluż billi tappoġġa l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-kollaborazzjoni aktar mill-qrib tagħhom man-negozju. Tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq l-innovazzjoni, it-trasport, b'mod partikolari s-sostenibbiltà tiegħu, l-infrastruttura diġitali u tal-enerġija, il-kura tas-saħħa u enerġija aktar nadifa, filwaqt li jitqiesu d-differenti reġjonali. Ittejjeb l-ambjent regolatorju, b'mod partikolari billi ssaħħaħ ir-rwol tal-konsultazzjonijiet tas-sħab soċjali u l-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-proċess leġislattiv.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
